sna differenti. Għall-kuntrarju fil-ġrajja tat-Torri ta' Babel naqraw dwar it-tweġiba t'Alla: "Ejja, ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom ħalli ma jifhmux ilsien xulxin" (Ġenesi 11:7). Kunflitt il-kbir kien meta l-bnedin joħduha kontra dak li ġie qabilhom.

Aspetti li laqatnuni (almenu lili bħala adult) huma dawk etiċi u ta' edukazzjoni dwar ċittadinanza: Kif ħarsu lejn il-ġganti? Kif imxew ma' xulxin? Ir-relazzjonijiet kif inbidlu? Fil-ktieb Diversity in contemporary picturebooks: A content analysis (Koss, 2015), insibu li permezz tal-letteratura, it-tfal jirċievu messaġġi kulturali, valuri tas-soċjetà li jkunu qed jgħixu fiha u informazzjoni dwar id-dinja. Ma' dawn nistgħu norbtu l-preġudizzji u l-mod kif inħarsu lejn ngħidu aħna etniċità jew oriġini nazzjonali.

Naqraw fost oħrajn li "Tanu beda jxejjer idejh biex iwaqqafhom, donnu ma ridhomx imorru qribhom iżżejjed." (p.69). Ġganti qatt ma qaċċtu siġra waħda. Il-Bnedmin iva.

Element ieħor huwa li l-istorja hija ambjentata, u f'dan il-każ tingħata laqta Maltija. Jissemma Għar il-Kbir, li jfakkarna f'dak li għandna aħna fil-limiti ta' Ħad-Dingli fejn insibu sistema ta' għerien naturali li jinfdu għal xulxin. Parti oħra mill-istorja fejn naqraw li l-artal

"kienu jużawh biex joffru sagrifiċċji lil Allat" (p.92), forsi tista' tfakkarna wkoll fil-poeżija Il-Ġgantija t'Għawdex ta' Ġorġ Pisani. Dan l-aspett li l-istorja tiġi lokalizzata nsibuh mhux biss f'numru ta' letteratura tat-tfal imma wkoll f'ħafna ħrejjef. L-awtriċi Marina Warner, fil-ktieb From the Beast to the Blonde (1994), tgħid li l-ħrejjef huma bħal tieqa fuq il-valuri li tħaddan is-soċjetà. Tant hu hekk, li skont awtriċi oħra Désirée Schyns (2016), il-ħrejjef isiru parti mill-wirt kulturali tagħna (p. 148).

Ma nistax ma nikkummentax dwar il-preżentazzjoni stupenda, grazzi għall-pubblikaturi Horizons. Dan il-ktieb qiegħed ippreżentat b'qoxra iebsa u għalija dan fih innifsu dan huwa messaġġ: Dan il-ġeneru letterarju qed jgħollih fuq livell ieħor. Irrid ngħid li bħala edukatur, nifraħ li nara ktieb tat-tfal mogħti din l-importanza, bħar-rumanz tal-adulti, bħal ġeneri oħra li f'moħħna narawhom importanti. Ejja ma ninsewx li ħafna kotba tat-tfal, nazzarda nsemmi lil Carmel G. Cauchi, Trevor Zahra, Charles Casha fost oħrajn, kienu parti integrali mit-tfulija tagħha u minn dak li sawwarna.

Xtaqt nagħlaq b'kumment tal-awtur Michael Cini:

"Dan huwa rakkont fantastiku mimli immaġinazzjoni illi jiftaħ b'avventura li bla ħsieb, jidħlu fiha żewġ tfajliet. Ġrajja li b'mod misterjuż, teħodna f'art 'il bogħod fejn fiha jgħammru l-ġganti. Ġganti li kontra ta' kif nafuhom is-soltu huma ġentili u lesti biex iħennu, jgħinu u li jaċċettaw lill-bnedmin fosthom. Saħansitra jtuhom anki parti mill-gżira sabiħa fejn jgħixu biex jaqsmu wkoll il-ġid li toffri l-art paċifika u trankwilla tagħhom mimlija ħlejjaq u ġmiel ambjentali naturali. Għall-ewwel ftit żmien kollox jimxi sew u l-ħbiberija ta' bejn il-ġganti u l-bnedmin tkompli tikber.

Madanakollu kif jiġri dejjem, il-bnedmin qatt ma huma kuntenti b'dak li għandhom u jridu jakkwistaw dak li għandu ħaddieħor ukoll.

B'hekk jaqilgħu l-ġlied u jħarbtu l-paċi u t-trankwillità li jkunu ilhom igawdu f'arthom il-ġganti. U dan minkejja kemm il-ġganti jkunu għenuhom biex jgħixu komdi magħhom – xhieda ċara tal-ingratitudni li jaf joffri l-bniedem frott l-għira, ir-regħba u l-mibegħda li minn dejjem ħakmitu.

ĠGANTI huwa rakkont b'messaġġ qawwi fejn naraw li ladarba l-bniedem jeqred il-paċi, jispiċċa biex saħansitra ... jeqred ukoll lilu nnifsu. Ġrajja intriganti li ma ħallitnix nieqaf mill-qari sakemm wasalt proprju fl-aħħar paġna.

Dan il-ktieb issib tixtrih minn Horizons Malta ( www.horizons.com.mt ) fejn bħalissa għandhom offerta li ma' kull żewġ kotba li tordna, tingħata ieħor b'xejn."

# Insellmu lil Imħallef Dr Philip Sciberras



Insellmu l-memorja tal-Imħallef Dr Philip Sciberras. Philip Sciberras twieled nhar is-7 t'Ottubru tal-1945. Kien awtur u poeta. Fost ix-xogħlijiet letterarji l-iktar popolari ta' Sciberras nistgħu nsemmgħu l-pubblikazzjoni ta' "Priżmi" ma' Dun Lawrenz Cachia (1968), "Dwal fil-Persjani" (1972), "Mandala" (1984) u "Mirja" (2004). Sciberras kien ukoll wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju. F'intervista miegħu fil-Paġna Letterarja tat-Torċa tal-11 t'Ottubru 2020 kont tkellimt miegħu dwar dan u weġibni hekk:

"Kienu s-snin tas-sittinijiet meta, taħt l-influwenza ispiratriċi ta' temi u żviluppi letterarji barranin, inħasset il-ħtieġa li l-letteratura u l-kultura Maltija toħroġ mill-fosdqa tagħha, twessa' l-orizzonti, u tegħleb l-indifferenza tal-poplu in ġenerali dwar l-ilsien u l-letteratura ta' pajjiżna. Kien dan li nebbaħ kotra ta' żgħażagħ (jien inkluż) li jfittxu mergħat kreattivi ġodda minn dawk tradizzjonali u esperjenzi differenti fejn jesprimu u jippromuovu fix-xogħlijiet artistiċi tagħhom il-ħsibijiet u l-aspirazzjonijiet tagħhom. Kien b'dan il-għan fejjiedi li twaqqaf il-Moviment Qawmien Letterarju u jien kburi li kont nifforma parti minnu. Mingħajr turija ta' nostalġija żejda, naħseb li lill-ġenerazzjonijiet ta' kittieba li ġew warajna servihom ta' siwi immens."

Iżda l-akbar monument li ħalla kien dak għall-qasam legali b'"L-Alfabett tal-Kodici Civili". Biċċa xogħol enormi , volumi sħaħ li ser jiswew ta' referenza siewja għal dawk kollha fil-qasam legali. Dwar dan, fl-intervista tal-Paġna Letterarja tat-Torċa tal-11 t'Ottubru 2020 kien qalli:

"Wara li temmejt il-kariga tiegħi bħala imħallef fl-2010 ħassejt li r-riċerka li tant ġbart b'passjoni kelli ngħaddiha b'wirt lil kull min tabilħaqq iħobb is-saltna tad-dritt. Il-proġett kien wieħed ambizzjuż u, kif sejjaħtlu int, monumentali għax biex twassal lill-istudjużi tal-liġi l-artikli tal-Kodiċi Ċivili permezz ta' alfabett kien jirrikjedi impenn qawwi u sfida għaqlija. Is-sodisfazzjon, pero', kien akbar ma' kull volum li lestejt. It-tama tiegħi hi li warajja jinbtu riċerkaturi oħra li jaġġornaw l-Alfabett u jkattru l-għarfien lill-qarrejja f'oqsma oħra tal-liġi."

Bejn l-1979 u l-1987 Dr Sciberras kien ukoll deputat Parlamentari.

Is-Sliem u GRAZZI għal ħidmietek!

stqarrija

b'sempliċità nistqarr  
li l-versi tiegħi ġġennu  
fuq il-kwadrant  
taċ-ċmien għaddej  
u l-kliem  
jisplodu f'ferneżija  
fil-vini ta' jdejja  
bla ma jinkitbu  
fir-rutina ta' kuljum  
il-poeżija  
tnin minsija  
fl-imbiegħed ta' żogħżiti

intom li nissejtuni  
agħtuni mill-ġdid  
il-girlanda tal-vrus imżewqa  
u l-għasfur ipnotizzat  
bl-għanjiet tas-solitudini

Sentiment

Lil binti Lara  
Ibki binti,  
ħa nerfgħek u nħaddnek  
u ngħannqek u nfissdek  
immellsek u nbennek.  
Ibki binti,  
biex tfisser trid tiekol  
u tixrob,  
u tilgħab bil-pupa  
jew tgħidli qed tibża'  
mid-dlam u mill-ġganti.  
Għad tikber u tibki  
dmugħ ieħor  
ta' waħx u ta' diqa  
fis-skiet ta' dinjietek  
bla ħadd min ifarrġek  
u jħaddnek u jgħannqek  
u jmellsek u jbennek.